**KUNSILL LOKALI** **KALKARA** **LOCAL COUNCIL**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

# It-9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 6/24**

12 ta' Novembru 2024

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Speranza Chircop | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Vincent Bongailas | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

Nadine Micallef - Kunsilliera

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa.

**6.24.1** <u>**Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**</u>

6.24.1.1 Is-Sa Nadine Micallef informat li ma tistax tattendi għax ser tkun imsiefra u għalhekk ġiet skużata.

**6.24.2** <u>**Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**</u>

6.24.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 5.24 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

6.24.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Maria Sultana u sekondati mis-Sa Vincent Bongailas il-minuti ta' seduta 5.24 ġew approvati unanimament.

6.24.2.3 Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**6.24.3** <u>**Punti mill-Minuti**</u>

3.24.4.3 **WhatsApp Group għar-Residenti**

Is-Sindku nforma li l-WhatsApp Group għar-residenti ġiet attiv. Żied jgħid li sal-lum hemm 60 persuna nskritta f'dan il-grupp.

5.24.4.2 **Attivita` 'Clean Up'**

L-attivita` 'Clean Up' saret fis-26 ta' Novembru 2024 li fiha attendew is-Sindku u l-Perit Micallef. Is-Sa Chircop, is-Sa Sultana u s-Sur Bongailas xtaqu jattendu iżda kellhom impenji oħra.

Il-Kunsill ibbenefika minn skema għal din l-attivita` li bihom inxtraw l-affarijiet neċessarji għat-tindif. Flimkien ma' dawn l-affarijiet, inxtraw ukoll *bins* ġodda bl-għan li jinbidlu dawk antiki li hemm fi Triq Missjoni Taljana, il-Kalkara.

5.24.4.6 **Kawża fit-Tribunal Reviżjoni Amministrattiva**

Fil-11 ta' Novermbru 2024, is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew il-Qorti dwar il-kawża relattiva. Is-Sindku ntalab jagħti x-xhieda tiegħu u spjega kif tiġi trattata applikazzjoni mit-Transport Malta meta persuna tapplika għall-parkeġġ perżonalizat għall-persuna b'diżabilita`. Fil-bidu tax-xhieda tiegħu, is-Sindku ddikjara kunflitt ta' nteress peress li l-applikanta tiġi minnu. Huwa kompla jispjega li l-Kunsill ma għandux is-setgħa li jiddeċiedi jew jawtorrizza parkeġġ personalizzati ħlief li l-Kunsill

jgħaddi l-kummenti tiegħu lit-Transport Malta. Għalhekk il-Kunsill għandu jiġi liberat mill-kawża.

L-avukat tad-difiża fehmet il-pożizzjoni tal-Kunsill u qalet li ser tippreżenta nota fl-atti (fil-kawża) biex il-Kunsill ma jibqax parti fil-kawża.

5.24.6.1 **PA03157/14 – Titjieb fil-Faċilitajiet tat-Tankijiet taż-Żejt ġewwa Ricasoli**

Fis-7 ta' Novembru 2024, is-Sindku attenda għal-laqgħa tal-Awtorita` tal-Ippjannar fejn kellu jittieħed vot dwar l-applikazzjoni sottomessa. Il-Bord ivvota u r-riżultat kien dak ta' ħdax favur u wieħed kontra. Il-vot li kien kontra l-peremess kien tas-Sindku, f'isem il-Kunsill wara li fil-laqgħa (tal-Kunsill), il-Kunsill unanimement qabel li jopponi għal din l-applikazzjoni stante li fil-prinċipju, il-Kunsill ma jaqbilx li dawn it-tankijiet taż-żejt għandkom ikunu hemm.

5.24.6.3 **Talba għal Twaħħil ta' Lapida Għall-Persuna li Miet fil-Kalkara**

Il-Segetarju Eżekuttiv nforma l-Kunsill li talab gwida mingħand-Infrastructure Malta għat-talba tal-qraba tal-mejjet. Infrastructure Malta rreferitu għand l-Awtorita` tal-Ipjannar.

Filfrattemp, il-qrabi tal-mejjet ġew infurmati bil-proposta tal-Kunsill kif kien diskuss fil-laqgħa preċedenti iżda l-qraba qed jinsistu li ssir lapida. Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill unanimament qabel li ma titwaħħalx lapida.

3.24.5.1 **Tender dwar iż-Żamma tal-Ġonon u Soft Areas**

Is-Sindku qal li l-kuntrattur il-ġdid ser jibda jopera min-nhar il-Ġimgħa 1 ta' Novembru 2024. Irringrazzja wkoll il-kuntrattur preċedenti tax-xogħol li għamel tul l-aħħar snin. Irrimarka wkoll li l-kuntrattur il-ġdid qiegħed jagħmel xogħol tajjeb.

**6.24.4 <u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

3.24.4.1 **Kwistjoni mar-Reġjun Port dwar l-Iskart (inizaljment beda taħt suġġett bit-titolu 'Sitwazzjoni Finanzjarja'**

Fl-aħħar laqgħa li kellu s-Sindku mal-President tar-Reġjun, is-Sindku kien ġie mgħarraf li s-serviżż tal-iskart kien ser jitwaqqaf fil-11 ta' Novembru 2024.

Is-Sindku tenna li l-kwistjoni kurrenti titratta l-*invoices* ta' Ġunju, Lulju u Awwissu 2024 u l-ħlas addizzjonali fuq skart ġġenerat minn neġozju li qed jinġabar mill-istess kuntrattur. Għal rigward tal-aħħar punt, il-Kunsill għandu l-provi li l-iskart tan-negozji qed jiġi miżjud fil-fattura li jirkievi l-Kunsill flimkien mal-iskart tad-djar residenzjali. Min-naħa l-oħra, l-kuntrattur tal-iskart qiegħed jgħid li l-Kunsill għandu kont pendenti fuq l-*iskips* iżda l-fattura tagħha nbagħatet lill-Kunsill sena wara.

Il-President tar-Reġjun informa lis-Sindku li nhar is-Sibt 2 ta' Novembru 2024, persuna mir-Reġjun ġiet inkarigata ssegwi r-rotta tat-*truck* tal-iskart bl-għan li jiġi kkonfermat li qed issir ir-rotta kif mitlub u ma jinġabarx skart ta' neġozji/stabbilimenti u li jiġi kkonfermat li t-*truck* jibda r-rotta bil-komparament vojt.

Il-Kunsill ser ikun qiegħed jistenna risposta bil-miktub mill-President tar-Reġjun fuq l-eżitu ta' dan l-eżerċizzju.

6.24.4.1 **Tiżjin tal-Milied tul ix-Xatt u l-Misraħ Arċisqof Gonzi**

Wara l-tlesta l-proġett tar-riġenerazzjoni tax-Xatt, is-Sindku għamel talba għall-fondi mas-Segretarji Parlamentari li għandhom konnessjoni mal-Kunsilli Lokali, ma' Clean Malta, mal-Fondazzjoni Kottonera u mal-Ministeru tat-Turiżmu biex jiġu mżejjena l-entratura tal-Kalkara, Misraħ Arċisqof Gonzi u x-Xatt.

Is-Sindku qal li filwaqt li l-Kunsill huwa konxju li ma kienx ġie pjanat baġit għal dan it-tiżjin minħabba l-fatt li l-proġett kien għadu ma tlestix qabel bdiet is-sena. Għalhekk huwa rrikorra għall-assistenza finanzjarja lill-Ministeri u entitajiet msemmija hawn fuq.

Wara komunikazzjoni mal-Ministeru tat-Turiżmu, is-Sindku ġie nfumat li dan il-Minsiteru joħroġ skema għall-Kunsill Lokali fejn hemm postijiet turistiċi. L-iskema toffri €5,000 u l-Kunsill irid jonfoq mhux anqas minn €3,000 addizzjonali. Is-Sindku tkellem ukoll mas-Sur Silvio Scerri, Kap Eżekuttiv ta' Xjenza Malta biex din l-Entita` tagħti s-sapport tagħha b'mod finanzjarju. Għalhekk, is-Sindku ġie mgħarraf li Xjenza Malta ser tagħti donazzjoni ta' € 2000. F'isem il-Kunsill, is-Sindku rringrazzja lis-Sur Scerri.

Fid-dawl ta' din il-kontribuzzjoni, il-Kunsill ħareġ sejħa għall-offerti biex isir l-armar tal-Milied fil-postijiet msemmija. Wara l—għeluq ta' din is-sejħa, is-Sindku għarraf li ġiet sottomessa offerta waħda.

Is-Sindku spjega li apparti t-tiżjin fl-entratura tal-Kalkara, fix-Xatt u l-Misraħ Arċisqof Gonzi, il-Każini tal-Banda u tar-Reġatta ser jarmaw ħdejn il-binja tagħhom.

3.24.7.7 **Oġġezzjoni dwar l-Applikazzjoni bin-Numru ta' Referenza PC/00070/22**

Fl-4 ta' Novembru 2024, il-Bord tal-Ipjannar laqa' l-applikazzjoni PC/0070/22. Ward din id-deċiżjoni, il-Kunsill ser jieħu legali parir fuq din id-deċiżjoni għax jidher li hemm interpretazzjonijiet tal-Local Plans. Il-Perit Micallef ser tiċċekja aktar fil-fond id-deċiżjoni tal-Awtorita` tal-Ipjannar.

Is-Sa Sultana staqsiet jekk hemmx lok għall-appell. Is-Sindku ser jitkellem mal-Perit Micallef.

6.24.4.2 **Skema għall-fondi mill-Fondazzjoni Kottonera**

Is-Sindku ġie mgħarraf li l-Fondazzjoni Kottonera għandhom għad-dispożizzjoni nurmu ta' skema mmirati għall-entitajiet inkluż Kunsill Lokali. Huwa ssuġerixxa li nisottomettu talba għall-fondi sabiex ikun hemm assitenza finanzjarja għall-Kalkara Fun Walk li hija pjanata li ssir f'Marzu tas-sena 2025.

5.24.4.1 **L-avveniment 'Jum il-Kalkara'**

Fit-23 ta' Novembru 2024 jagħlqu l-applikazzjonijiet għan-nomini ta' Ġieħ il-Kalkara. Is-Sindku rrimarka li sal-lum in-numru tan-nomini mitfugħa kien wieħed baxx. Huwa ppropona wkoll li l-Kunsill jiltaqa' fis-27 ta' Novembru 2024 fid-9.00am biex tintgħażel il-persuna li ser tingħata Ġieħ il-Kalkara.

3.24.5.2 **Tender tal-Bulky Refuse**

Wara li saret l-evalwazzjoni tal-tender relattiv, il-Bord tal-Evalwaturi għaddew ir-rapport u ġie ppreżentat lill-Kunsill. Is-Segretarju ppreżenta r-rapport tal-evalwazzjoni u nformahom li b'kollox kien hemm 4 sottomissjonijiet. Il-Kunsill evalwa r-rapport u unanimament qabel li għandu jingħata lil dak il-fornitur bl-irħas offerta.

**6.24.5** <u>Korrispondenza</u>

6.24.5.1 **Qtugħ tal-Zkuk tas-Siġar fi Triq Joseph Calleja**

Is-Sa Sultana kienet talbet biex isir qtugħ taz-zkuk tas-sigar fi Triq Joseph Calleja minħabba uħud minnhom ħarġu barra mill-bankina u jistgħu jikkawżaw xi inċident.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab stima tax-xogħol u rriżulta li l-inqas stima kienet ta' €600. Is-Sindku talab biex is-Segretarju Eżekuttiv jiċċekja ma' Ambjent Malta sabiex jara jekk dan ix-xogħol jistax isir minn din l-Entita`

Fuq nota differenti, il-Sindku nforma l-Kunsill li r-Reġjun Port ser jipprovdi *wind blower* lil kull Kunsill sabiex jintuża għat-tindif ta' weraq.

6.24.5.1 **Tibdil tal-Fanali fi Ġnien is-Salvatur**

Is-sitt fanali fi Ġnien Salvatur jinsabu fi stat ħażin tant li tnejn minnhom huma mkissrin kompletament. Apparti minnhekk kull meta tagħmel ix-xita, il-fanali ma jixgħelux. Dawn il-fanali ilhom li ġew insallati 'il fuq minn 20 sena. Il-Kunsill qabel li jinbidlu dawn il-fanali u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv ġab 3 kwotazzjonijiet li ġew provduti mill-Kunsill. Ser jintalbu kwotazzjonijiet oħra għax-xogħolijiet tad-dawl.

6.24.5.2 **Sinjal tat-Traffiku fi Triq San Leonardu**

Il-Kunsill irċieva talba minn residenti li joqgħodu fi Triq San Leonards sabiex isir is-sinjal l-abjad f'nofs it-triq peress li din it-triq hija *two-way*. Intalab ukoll li jsiru s-sinjali ta'parkeġġ.

4.24.4.1 **Tisbiħ mill-Ġdid tal-Pjazza Sagra Familja**

Il-Kunsill ġie provdut stima mingħand il-Perit biex tiġi ppreparata l-Bill of Quantities tax-xogħolijiet diskussi waqt il-laqgħat preċedenti ġewwa l-Pjazza Sagra. Ix-xogħolijiet jinvolvu skavat fl-istess pjazza, kostruzzjoni ta' faċilitajiet li jintużaw bħala store u tisbieħ tal-pjazza.

Il-Kunsill talab sabiex jiġu provduti stimi oħra għall-istess xogħolijiet.

6.24.5.3 **Skema għall-Finanzjarjament għall-Karnival 2025**

Il-Kunsill Lokali rċieva kommunika mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar skema ġdida li titratta l-finanzjarjament lill-Kunsill għall-attivita` tal-Karnival għa-sena 2025.

Il-Kunsill unanimement qabel li tiġi sottomessa l-applikazzjoni li ser tagħlaq fit-2 ta' Diċembru 2024. Is-Sindku spjega li din l-attivita` tista' tiġi abbinata ma' Festa Ħelu li ssir fil-ġranet tal-Karinval.

Is-Sur Bongailas ippropona li din l-attivita` ssir fil-Fortizza ta' Rnella u li jkun hemm kompetizzjoni bil-kostumi tal-Karnival.

**6.24.6** **<u>Komunikazzjoni mill-Kunsilliera</u>**

<u>Is-Sa Speranza Chircop</u>

6.24.6.1 Is-Sa Chircop infurmati li fl-14 ta' Jannar 2025 ser isiru sezzjonijiet ta' informattivi kull nhar ta' Tlieta u Ħamis organizzati mill-Foundation for Information Technology Accessibility (FITA) bil-kollaborazzjoni l-Anzjanita' Attiva'

6.24.6.2 Bħal kull sena, is-Sa Chircop ser torganizza serata għall-anzjani nhar is-16 ta' Diċembru 2024.

6.24.6.3 Is-Sa Circop ser torganizza ħarġa għall-anzjani f'Għawdex bejn il-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

6.24.6.4 Fis-17 ta' Dicembru harga ghall-anzjani fil-palazz ta' San Anton u fl-istess hin stedina tal-president lill-Kunsilliera u ssir quddiesa fil-kappella tal-palazz zjara ta' kortezjia mal-eccellenza taghha u ser tinghata donazzjoni.

6.24.6.5 Dan ix-xahar, is-Sa Chircop attendiet konferenza organizzata mill-Ministeru tas-Saħħa u tkellmu dwar is-saħa mentali. Infurmat ukoll li fil-ġimgħat li ġejjin, il-Kunsill ser jirċievi applikazzjoni fuq dan ir-rigward.

6.24.6.6 Is-Sa Chircop attendiet għal-laqgħa mtella' mir-Reġjun Port, laqgħa li kellhom jiddiskutu mar-riċerkatur dwar 'Bid Book' Belt Kulturali Ewropea 2031'. Sa Settembru 2025, il-Rejun b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli li jaqgħu taħt l-istess Reġjun ser jissottomettu l-proposti tagħhom li ser tkun qed tikkompeti mar-Reġjun Għawdex.

Is-Sa Maria Sultana

6.24.6.7 Is-Sa Sultana semmiet li għandha amment li r-Reġjun jista' jagħti xi fondi lill-Kunsill biex jitqassmu lill-iskejjel għall-attivitajiet.

6.24.6.8 Is-Sindku fakkar dwar l-attivitajiet li kienu jsiru lit-tfal bl-isem 'Ejja l-Ġnien u 'Snow Party'.

6.24.6.9 Is-Sindku qiegħed jitkellem mal-Kap tal-iskola dwar Jum il-Kalkara u Fort Rnella.

6.24.6.10 Is-Sa Sultana ser torganizza laqgħa mas-Sindku u l-Kap tal-iskola ħalli jaraw kif jistgħu jgħinu għall-ġbir tal-imbarazz ġewwa l-iskola.

6.24.6.11 Is-Sindku kkomunika li meta saret il-Bake Sale ġewwa l-iskola, inġabru €850. U li din id-donazzjoni ser tmur għandu Puttinu Cares.

6.24.6.12 Nhar it-Tlieta 19 ta' Novembru 2024, is-Sindku flimkien mas-Sa Sultana ser jiltaqgħu mal-koordinatur tal-Malta Trust Foundation u ser jitkellmu dwar proġett li jitratta d-drittijiet tat-tfal u l-Kunsill tat-Tfal.

Is-Sur Vincent Bongailas

6.24.6.13 Is-Sur Bongailas informa li ser jagħmel laqgħa ta' konsultazzjoni pubbika mal-persuni b'diżabilita` Laqgha ta' konsultazzjoni pubblika ser issir mal-persunji b'dizabilita fil-Kalkara li ser issir fl-aħħar ta' Jannar 2025.

**6.24.7 Punti Ġenerali**

Ma kienx hemm.

**6.24.8 Mistoqsijiet lis-Sindku**

6.24.8.1 Is-Sa Sultana staqsiet dwar jekk kienx hemm xi żviluppi dwar ir-*roundabout* qabel titla' t-telgħa tal-Esplora. Is-Sindku nforma li qiegħed jagħmel pressjoni mat-Transport Malta peress li t-triq arterjali u għalhekk ir-responsabilita` taqa' taħt tal-Gvern Ċentrali.

6.24.8.2 Is-Sa Sultana talbet jekk il-Kunsill jistax jieħu azzjoni dwar il-kwistjoni tal-iscrapyard u jekk kienx hemm xi aġġornament dwar l-applikazzjoni mal-Awtorita` tal-Ipjannar. Is-Sindku ser jitlob laqgħa mas-sidien tal-iscrapyard.

5.24.9 **Mozzjonijiet**

Fuq proposta tas-Sur Bongailas u ssekondata s-Sa Sultana ġiet mitlub li l-laqgħa li jmiss tibda fis-2pm minflok fil-5pm.

5.24.10 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sa Maria Sultana ssekondata mis-Sa Speranza Chircop, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

5.24.11 **Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta ntemmet fit-7.00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2024, fil-2.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 11 ta' Diċembru 2024

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**